31968D0416

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Diċembru 1968
dwar il-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-patti ta' ftehim individwali bejn il-Gvernijiet li għandhom x'jaqsmu ma l-obbligu ta' l-Istati Membri li jżommu ħażniet minimi ta' żejt mhux maħdum u/jew tal-prodotti tal-petrolju

(68/416/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 103 miġjub fih;

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Billi l-Kunsill adotta d-Direttiva ta' l-20 ta' Diċembru 1968 [1] li timponi obbligu fuq l-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea sabiex iżommu ħażniet minimi ta' żejt mhux maħdum u/jew prodotti ta' żejt mhux raffinat;

Billi l-Artikolu 6(2) ta' dik id-Direttiva jagħmel dispożizzjonijiet għall-istabbiliment, skond il-patti ta' ftehim individwali bejn il-Gvernijiet, ta' ħażniet ġewwa t-territorju ta' Stat Membru akkont ta' impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor;

Billi jidher xieraq li tiġi preskritta proċedura sabiex jiġi applikat fil-każ li dawn il-patti ta' ftehim ma jintlaħqux fi żmien raġjonevoli jew ma jkunux qegħdin jiġu mħarsa;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fejn ftehim bejn il-Gvernijiet kif provdut fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1968 ma jkunx intlaħaq bejn il-Gvernijiet konċernati f'perjodu ta' żmien ta' tmien xhur wara n-notifika ta' dik id-Direttiva jew billi dan il-ftehim ma ġiex imħares, il-Gvernijiet konċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Gvernijiet konċernati miżuri xierqa sabiex jegħlbu dawn id-diffikultajiet.

Artikolu 2

Fejn ma ntlaħaqx ftehim bejn il-Gvernijiet fi żmien tliet xhur wara l-proposta mill-Kummissjoni dwar il-miżuri xierqa sabiex jinteġħlbu d-diffikultajiet, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta għal Direttiva, jew għal kull miżura oħra xierqa, quddiem il-Kunsill.

Din il-proposta għandha tipprovdi b'mod partikolari għal proċedura li biha r-reġistrazzjoni, s-sorveljanza u t-trasport tal-ħażniet miżmuma fi Stat Membru ieħor għandhom jiġu assigurati u għandhom jagħtu kont tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-20 ta' Diċembru 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

V. LATTANZIO

[1] ĠU L 308, tat-23.12.1968, p. 14.